



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

15 ta' Mejju 2019\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Klassifikazzjoni tariffarja – Nomenklatura Magħquda – Partijiet tal-azzar iwweldjati – Radjaturi għal tisħin ċentrali, mhux imsaħħn bl-elettriku – Intestaturi 7307 u 7322 – Kunċett ta’ “partijet” ta’ radjaturi u ta’ “tagħmir ta’ tubi u pajpijet” – Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) 2015/23 – Validità”

Fil-Kawża C-306/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Krajský soud v'Ostravě – pobočka v'Olomouci (il-Qorti Reġjonali ta' Ostrava, sezzjoni ta' Olomouc, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta’ deċiżjoni tad-29 ta’ Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta’ Mejju 2018, fil-proċedura

**KORADO a.s.**

vs

**Generální ředitelství cel,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn F. Biltgen (Relatur), President tal-Awla, C. G. Fernlund u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġeneral: Y. Bot,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta’ Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta’ Frar 2019,

wara li kkunsidrat l-observazzjonijiet ippreżentati:

- għal KORADO a.s., minn P. Mrázek u V. Beringerová, advokáti,
- għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u O. Serdula, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u J. Hradil, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġeneral, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda, minn naħa, l-interpretazzjoni tal-intestaturi 7307 u 7322 tan-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-“NM”), li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta’ Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta’ Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014 tas-16 ta’ Ottubru 2014 (ĠU 2014, L 312, p. 1), u, min-naħħa l-oħra, il-validità tar-Regolament ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/23 tal-5 ta’ Jannar 2015 dwar il-klassifikazzjoni ta’ ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2015, L 4, p. 15).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn KORADO a.s. (iktar ‘il quddiem “Korado” u Generální ředitelství cel (id-Direttorat Ĝeneralis tad-Dwana, ir-Repubblika Ċeka) dwar il-klassifikazzjoni ta’ ċerti prodotti fin-NM.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Is-SA*

- 3 Il-konvenzionali internazzjonali li stabbilixxiet is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta’ merkanzija, konkluża fi Brussell, fl-14 ta’ Ġunju 1983, u l-protokoll li jemendaha tal-24 ta’ Ġunju 1986 ġew approvati f’isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta’ April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).
- 4 Il-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO), imwaqqaf permezz tal-konvenzioni li ħolqot l-imsemmi kunsill, konkluża fi Brussell fil-15 ta’ Diċembru 1950, japprova, bil-kundizzjonijiet stabiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzionei dwar is-SA msemmija fil-punt preċedenti, in-Noti ta’ Spjega u l-opinjonijiet ta’ klassifikazzjoni adottati mill-Kumitat tas-SA.
- 5 Skont l-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmija Konvenzionei dwar is-SA, kull parti kontraenti timpenja ruħha sabiex in-nomenklaturi tariffarji u statistiċi tagħha jkunu konformi mas-SA, li tuża l-intestaturi u s-subintestaturi tas-SA, mingħajr żidiet jew modifikasi, flimkien mal-kodiċijiet numeriċi relatati magħha, u li ssegwi s-sekwenza numerika tas-SA. L-istess dispożizzjoni timponi lill-partijiet kontraenti l-obbligu li japplikaw ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA kif ukoll in-noti kollha tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subintestaturi u li ma jbiddlux il-portata tagħhom.
- 6 Il-punt C tal-Kunsiderazzjoni ġeneralis tan-Nota ta’ Spjega tas-SA dwar it-Taqsima XV, intitolata “Partijiet”, tinqara kif ġej:

“[...] il-partijiet ta’ użu ġenerali (ara n-nota 2 tat-taqsim), ippreżentati iżolati, ma humiex ikkunsidrati bħala partijiet, iżda jsegwu s-sistema proprja tagħhom. Dan japplika wkoll, pereżempju, għall-boltijiet maħsuba b'mod speċjali għar-radżjaturi għat-tiġi tħalli tħalli. Tal-ewwel huma kklassifikati bħala boltijiet taħt in-numru 73.18 u mhux bħala partijiet ta’ radjaturi taħt in-numru 73.22, filwaqt li tat-tieni jaqgħu taħt in-numru 73.20 relataf mal-molol u mhux taħt in-numru 87.08 li jikkonċerna l-partijiet u aċċessorji tal-vetturi” [traduzzjoni mhux uffiċjal].
- 7 Skont in-nota ta’ spjega dwar l-intestatura 7307 tas-SA:

“[...]

Din l-intestatura tinkleudi diversi oġġetti tal-ħadid jew azzar, intiżi essenzjalment sabiex jgħaqqu bejniethom pajpijiet jew elementi ta' pajp jew pajp ma' apparat ieħor, jew inkella sabiex jagħlilqu ċerti elementi ta' pajpijiet, bl-esklużjoni ta' ċerti oġġetti li, minkejha intiżi għall-muntaġġ ta' pajpijiet u katusi (pereżempju sleeves li jitwaħħlu mal-ħitan sabiex isostnu l-pajpijiet, l-isleeves li jservu sabiex jitwaħħlu l-pajpijiet rotob fuq elementi riġidi bħall-katusi, viti jew partijiet li jgħaqqu, eċċ.), ma jagħmlux parti integrali minnhom (Nri 73.25 jew 73.26).

[...]

Fost it-tagħmir ta' tubi u pajpijiet inklużi hawn, wieħed jista' jiċċita l-flanġijiet ċatti jew b'ħolqa tal-metall mikwija f'forġa, il-liwjet minkeb u liwjet, adattaturi (reducers), adattaturi fil-forom ta' T, is-slaleb u s-saddieda, il-pajpijiet għal welding tarf ma' tarf, il-fittings b'liwja mqabbża li ssir biex jinqabeż ostakolu (offsets), fittings multiferghat, il-fittings simili għal balavostri ċilindriċi, il-vitti bil-kamin, is-sleeves u l-pajpijiet ta' konġunzjoni bil-kamin (nipples), il-pajpijiet ta' għaqda (unions), il-filtri, il-washers għall-pajpijiet, il-morsi u l-ħoloq metalliċi ta' konġunzjoni.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

- 8 In-nota ta' spjega dwar l-intestatura 7322 tas-SA tipprovd b'mod partikolari li:

“[...]

Din l-intestatura tinkleudi:

[...]

- 2) L-elementi u partijiet oħra tar-radjaturi, rikonoxxibbli bħala tali.

Ma jitqisux bħala partijiet ta' dawn l-apparati:

- a) Il-pajpijiet li jgħaqqu l-bojlers mar-radjaturi u l-aċċessorji tagħhom (Nri 7303 sa 7307).

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### ***In-NM***

- 9 Il-klassifikazzjoni doganali tal-merkanzija importata fl-Unjoni Ewropea hija rregolata min-NM, li hija bbażata fuq is-SA. Il-verżjoni fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali kienet dik li tirriżulta mir-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1101/2014.
- 10 L-ewwel parti tan-NM tinkleudi ġabtra ta' dispożizzjonijiet preliminari. F'din il-parti, taħt it-Titolu I, iddedikat għar-regoli ġenerali, it-Taqsima A tipprovd regoli ġenerali għall-interpretażżjoni ta' din in-nomenklatura, li skonthom issir il-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-NM. Għaldaqstant huwa, b'mod partikolari, previst li l-klassifikazzjoni għandha tiġi ddeterminata legalment skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli, peress li l-formulazzjoni tat-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli jew tas-subkapitoli hija meqjusa bħala li għandha biss valur indikattiv.
- 11 It-tieni parti tan-NM tinkleudi t-Taqsima XV, li tirrigwarda “Metalli ta' valur baxx u oġġetti minn metalli ta' valur baxx”.
- 12 Din it-taqsima hija magħmula mill-Kapitoli 72 sa 83 u tinkleudi, fost oħrajn, il-Kapitolu 73, intitolat “Oġġetti ta' ħadid jew azzar”.

13 In-nota 2 tat-TaqSIMA XV tan-NM tipprovdi li:

“Matul in-nomenklatura, l-espresjoni “partijiet għal użu ġenerali” tfisser:

(a) oġġetti ta’ titlu 7307, 7312, 7315, 7317 jew 7318 u oġġetti simili ta’ metall ieħor ta’ valur baxx;

[...]

Kapitli 73 sa 76 u 78 sa 82 (iżda mhux f’titlu 7315), riferenzi għal partijiet ta’ oġġetti ma jinkludux riferenzi għal partijiet ta’ użu ġenerali kif definit hawn fuq.

[...]"

14 L-intestatura 7307 tan-NM hija fformulata kif ġej:

“Tagħmir ta’ tubi u pajpijet (per eżempju, couplings, liwjet minkeb, sleeves), ta’ ħadid jew azzar

[...]

7307 93 – – Tagħmir iwweldjat tarf ma’ tarf (*butt welding*)

– – Bl-ikbar dijemetru ta’ barra mhux aktar minn 609,6 mm:

[...]

7307 93 19 – – – Oħrajn

[...]"

15 L-intestatura 7322 tan-NM hija fformulata kif ġej:

“Radjaturi għal tisħin ċentrali, mhux imsaħħnin bl-elettriku, u partijiet tagħhom, ta’ ħadid jew azzar; ħiters ta’ l-arja u distributuri ta’ arja sħuna (inklużi distributuri li jistgħu jqassmu ukoll arja friska jew kundizzjonata), mhux imsaħħnin bl-elettriku, li fihom fann jew blower imħaddmin b’mutur, u l-partijiet għalihom, ta’ ħadid jew azzar:

– Radjaturi u partijiet tagħhom:

[...]

7322 19 00 – – Oħrajn

[...]"

### ***Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/23***

16 Sabiex tīgi żgurata applikazzjoni uniformi tan-NM, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament ta’ Implantazzjoni 2015/23 li, konformement mal-Artikolu 3 tiegħi, daħal fis-seħħi fit-28 ta’ Jannar 2015.

17 Il-premessi 1 sa 5 tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23 jipprovdu li:

- “(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-[NM] annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-[NM]. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parżjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-ġhan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġi kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 2, Vol. 4, p. 307)]. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.”

18 L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 2015/23 jipprovdi li:

“Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati fin-[NM] skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.”

19 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament ta' implementazzjoni jipprovdi li:

“L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.”

20 L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23 huwa fformulat kif ġej:

“

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Ohħett tal-azzar fil-forma ta' "T". Id-dijametru estern tal-ispanei hu 23 mm u l-ikbar dijametru tal-parti ċentrali tal-oġġet hu 40 mm. It-truf laterali tiegħi huma mxenglin, addattati għall-welding tarf ma' tarf, u t-tielet tarf tiegħu għandu l-kaminfuq ġewwa.</p> <p>It-truf laterali għandhom jiġu wweldjati f'bejn il-bordijiet tar-radżjatur. It-tielet tarf jintuża għal installazzjoni jew b'valv ta' ventilazzjoni jew valv ta' regolazzjoni, jew għall-konnessjoni r-radżjatur b'pajp li tikkonnettja lilha biex, pereżempju, kaldarun.</p> <p>Ara l-istampa (*).</p>	7307 93 19	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 2(a) tat-Taqsima XV u tat-test tal-kodiċijiet tan-NM 7307, 7307 93 u 7307 93 19.</p> <p>L-objekt għandu l-karakteristiċi oġġettivi ta' fittings ta' tubi u pajpijet kklassifikati taħt titlu 7307. L-objetti tal-intestatura 7307 huma, skont in-nota 2(a) tat-Taqsima XV, partijiet ta' użu ġenerali. Peress li r-referenzi għal partijiet fost l-oħrajn f'Kapitolu 73 ma jinkludux referenzi għal partijiet ta' użu ġenerali kif definit f'dik in-nota, il-klassifikazzjoni tal-objekt taħt l-intestatura 7322 bħala parti minn radżjaturi għal tisħin ċentrali hija eskużu (ara wkoll in-Noti ta' Spiegazzjoni dwar is-Sistema Armonizzata għall-intestatura 7322, punt (2)(a)).</p> <p>Għaldaqstant, l-objekt għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7307 93 19 bħala aċċessorji tal-welding tat-truf għal tubi jew aċċessorji tal-pajpijet tal-azzar bl-akbar dijametru ta' barra mhux aktar minn 609.6 mm</p>

(\*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.



”

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 21 Fid-9 ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbet liż-Celní úřad pro Olomoucký kraj (l-amministrazzjoni doganali għar-reġjun ta' Olomouc, ir-Repubblika Ċeka) informazzjoni tariffarja vinkolanti dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali pproponiet li tikklassifikahom fis-subintestatura 7322 19 00 tan-NM.
- 22 Il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bir-referenzi "T 74-32", "T 40-32" u "L 35-32", huma partijiet tal-azzar iwweldjati, immanifatturati għal radżjaturi għal tisħin ċentrali, mhux imsaħħnin bl-elettriku.

- 23 Dawn huma kkostitwiti minn żewġ jew tliet trufijiet, fejn fosthom jistgħu jiġu identifikati, minn naħħa, spalla waħda jew diversi ddisinjati sabiex jiġu konnessi mal-bordijiet tar-radżatur permezz ta' welding tarf ma' tarf u, min-naħħa l-oħra, tarf ieħor b'għonq tal-kamin li jservi sabiex jiġi konness valv ta' ventilazzjoni, valv ta' regolazzjoni jew apparat ieħor, jew sabiex jiġi konness kwalunkwe pajp li jwassal għal sors ta' tisħin.
- 24 Permezz ta' diversi deċiżjonijiet tal-24 ta' Novembru 2015, l-amministrazzjoni doganali għar-reġjun ta' Olomouc ikklassifikat, konformement mar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23, il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali fis-subintestatura 7307 93 19 tan-NM.
- 25 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem id-Direttorat ġenerali tad-Dwana. Peress li dawn ġew miċħuda, hija ppreżentat rikors quddiem il-Krajský soud v'Ostravě – pobočka v Olomouci (il-Qorti Reġionali ta' Ostrava, sezzjoni ta' Olomouc, ir-Repubblika Ċeka).
- 26 Il-qorti tar-rinvju tqis li, minkejja li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma identiċi jew suffiċċientement simili għall-prodotti msemmija mir-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23 u għandhom, għaldaqstant, jiġu kklassifikati fl-intestatura 7307 tan-NM, bħala "tagħmir ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew azzar", u b'mod iktar partikolari fis-subintestatura 7307 93 19 tan-NM, tali klassifikazzjoni ma tkunx korretta fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura tal-prodotti.
- 27 Il-qorti tar-rinvju tirrileva li n-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM tindika li l-artikoli tal-intestatura 7307 tan-NM għandhom jiġu kkunsidrati bħala "partijiet għal użu ġenerali". Hija tqis li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jikkostitwixx parti ta' użu ġenerali, iżda parti speċifika tar-radżaturi mmanifatturata fuq ordni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, skont id-dokumentazzjoni teknika mfassla mill-produtturi ta' radżaturi. Min-natura tagħhom, huma jaqgħu għaldaqstant taħt l-intestatura 7322 tan-NM.
- 28 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinvju tqis, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jitqiesu bħala aċċessorji u tirrileva, f'dan ir-rigward, li fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Turbon International, (C-250/05, EU:C:2006:681), il-Qorti tal-ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "partijiet" jimplika l-preżenza ta' unità li dawn il-partijiet ikunu indispensabbi għall-funzjonament tagħha u li l-kunċett ta' "aċċessorji" jinkludi l-elementi ta' tagħmir interkambjabbi li jippermettu l-adattament ta' apparat għal xogħol partikolari jew li jagħtuh possibiltajiet supplimentari jew li nkella jippermettlu jwettaq servizz partikolari relatati mal-funzjoni prinċipali tiegħi.
- 29 Skont il-qorti tar-rinvju, il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma indispensabbi għall-funzjonament tar-radżatur li flimkien miegħu huma jifformaw unità. Konsegwentement, huma ma għandhomx jitqiesu li huma "tagħmir ta' tubi u pajpijiet", fis-sens tal-intestatura 7307 tan-NM, iżda bħala "partijiet" ta' radżaturi, li jaqgħu taħt l-intestatura 7322 tan-NM.
- 30 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti tar-rinvju hija inċerta dwar il-validità tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23 u tistaqsi, b'mod iktar partikolari, jekk dan ir-regolament estendiekk illegalment il-portata tas-subintestatura 7307 93 19 tan-NM.
- 31 F'dan il-kuntest, il-Krajský soud v'Ostravě – pobočka v Olomouci (il-Qorti Reġionali ta' Ostrava, sezzjoni ta' Olomouc) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- "1) Huwa validu r-[Regolament ta' Implementazzjoni 2015/23], safejn dan jikklassifika l-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tal-annej taħt is-subintestatura 7 307 93 19 NM?
- 2) Jekk l-imsemmi regolament ma huwiex validu, l-oġġetti kkonċernati jistgħu jiġi kklassifikati taħt is-subintestatura 7 322 19 00 NM?

- 3) Jekk l-imsemmi regolament ma huwa [ma huwiex] validu, l-oġġetti kkonċernati għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 7 307 93 19 NC?"

### Fuq id-domandi preliminari

- 32 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi, minn naħa, jekk in-NM għandhiex tīgħi interpretata fis-sens li l-partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx jiġu kklassifikati fl-intestatura 7307 tan-NM, bħala "tagħmir ta' tubi u pajpijiet", jew pjuttost fl-intestatura 7322 tan-NM, bħala "partijiet" tar-radżjaturi, kif ukoll, min-naħħa l-oħra, u sussidjarjament, jekk ir-Regolament ta' Implantazzjoni 2015/23 huwiex validu.
- 33 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha quddiemha rinvju għal deċiżjoni preliminari fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja, il-funzjoni tagħha hija li tiggwida lill-qorti nazzjonali dwar il-kriterji li permezz tagħhom din tal-aħħar tkun tista' tikkklassifika b'mod korrett il-prodotti inkwistjoni fin-NM, iktar milli tikkklassifikahom hija stess, u dan iktar minħabba li hija ma jkollhiex neċċessarjament għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni indispensabbi kollha f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, jidher li l-qorti nazzjonali hija fi kwalunkwe każ f'pożizzjoni aħjar biex tagħmel dan (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2016, G.E. Security, C-143/15, EU:C:2016:115, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 Għaldaqstant, huwa l-kompli tal-qorti tar-rinvju li tikkklassifika l-prodotti fil-kawża prinċipali fid-dawl tar-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi sottomessi lilha.
- 35 Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda, huwa importanti, qabel kollox, li jiġi enfasizzat li r-regoli ġenerali għall-interpretażżjoni tan-NM jipprovd li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija għandha tīgħi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli, peress li l-kliem tat-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli jew tas-subkapitoli huma kkunsidrati li għandhom biss valur indikattiv. Minkejja li ma għandhomx forza vinkolanti, in-noti ta' spjega tas-SA u tan-NM jikkontribwixxu b'mod importanti għall-interpretażżjoni tal-portata tad-diversi intestaturi doganali (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Lukoyl Neftohim Burgas, C-330/13, EU:C:2014:1757, punti 33 u 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-verifika, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu, b'mod ġenerali, jitfitteż fil-karatteristiċi u fil-proprietajiet oġġettivi tagħha, kif iddefiniti mill-kliem tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli (sentenza tal-25 ta' Frar 2016, G.E. Security, C-143/15, EU:C:2016:115, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-użu li għalih huwa intiż il-prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni sa fejn dan ikun inerenti għall-imsemmi prodott, u din in-natura inerenti għandha tkun tista' tīgħi evalwata abbażi tal-karatteristiċi u tal-proprietajiet oġġettivi tiegħi (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Uroplasty, C-514/04, EU:C:2006:464, punt 42, u tas-26 ta' April 2017, Stryker EMEA Supply Chain Services, C-51/16, EU:C:2017:298, punt 40).
- 38 Fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi fliema intestatura tan-NM, jiġifieri l-intestatura 7307 tan-NM jew l-intestatura 7322 tagħha, għandhom jiġu kklassifikati l-partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 39 F'dan ir-rigward, mill-kliem tal-intestatura 7307 tan-NM jirriżulta li din tkopri t-tagħmir ta' tubi u pajpijiet, bħal couplings, liwjet minkeb u sleeves, tal-ħadid jew azzar.

- 40 In-nota ta' spjega tas-SA relatata mal-intestatura 7307 tas-SA tippreċiża, barra minn hekk, li din l-intestatura tinkludi diversi oġġetti ta' ħadid jew azzar, intiżi essenzjalment sabiex jgħaqqu bejniethom żewġ pajpijet jew elementi ta' pajp ma' apparat ieħor, jew inkella sabiex jagħlqu ċerti elementi ta' pajpijet.
- 41 Il-kliem tal-intestatura 7322 tan-NM jindika, min-naħħa tiegħu, li din l-intestatura tkopri r-radżaturi għal tisħin ċentrali, mhux imsaħħnin bl-elettriku, kif ukoll il-partijiet tagħhom tal-ħadid jew azzar.
- 42 Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa importanti li jiġi ddeterminat jekk dawn jikkostitwixxux "tagħmir ta' tubi u pajpijet", fis-sens tal-intestatura 7307 tan-NM, jew "partijiet" ta' radżaturi, fis-sens tal-intestatura 7322 tan-NM.
- 43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li n-NM ma tiddefinixx il-kunċett ta' "partijiet" fis-sens tal-intestatura 7322 tan-NM, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, żviluppata fil-kuntest tal-Kapitoli 84 u 85 tat-Taqsima XVI u tal-Kapitolu 90 tat-Taqsima XVIII tan-NM, jirriżulta li l-kunċett ta' "partijiet" jimplika l-preżenza ta' unità li dawn il-partijiet ikunu indispensabbi għall-funzjonament tagħha. Sabiex oġġett jiġi kklassifikat bħala "partijiet", fis-sens tal-imsemmija kapitoli, ma huwiex suffċienti li jintwera li, mingħajr dan l-oġġett, il-magna jew l-apparat ma jistgħux jaqdu l-bżonnijiet li għalihom huma intiżi. Għandu jiġi stabbilit ukoll li l-funzjonament mekkani jew elettriku tal-magna jew tal-apparat inkwistjoni huwa kkundizzjonat mill-imsemmi oġġett (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, HARK, C-450/12, EU:C:2013:824, punt 36).
- 44 Fl-interess tal-applikazzjoni koerenti u uniformi tat-tariffa doganali komuni, il-kunċett ta' "partijiet", fis-sens tal-intestatura 7322 tan-NM, għandu jingħata l-istess definizzjoni bħal din li tirriżulta mill-ġurisprudenza mogħtija fir-rigward ta' kapitoli oħra tan-NM (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, HARK, C-450/12, EU:C:2013:824, punt 37).
- 45 Fil-każ ineżami, mill-fajl li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha quddiemha jirriżulta li l-partijiet tal-azzar iwweldjati inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma indispensabbi għall-funzjonament tar-radżaturi li magħħom huma konnessi u li flimkien magħħom huma jifformaw unità.
- 46 Għaldaqstant, dawn jistgħu jiġi kklassifikati bħala "partijiet" ta' radżaturi li jaqgħu taħt l-intestatura 7322 tan-NM.
- 47 Madankollu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja digħi ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' prodott partikolari fl-intestatura 7307 tan-NM bħala "tagħmir ta' tubi u pajpijet", u għaldaqstant bħala "partijiet ta' użu ġenerali", fis-sens tan-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM, teskludi l-klassifikazzjoni ta' dan il-prodott bħala "partijiet" taħt intestatura oħra tan-NM (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, HARK, C-450/12, EU:C:2013:824, punti 40 sa 43).
- 48 Fil-fatt, skont in-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM, ir-referenzi għall-"partijiet" li jinsabu fil-Kapitoli 73 sa 76 u 78 sa 82 tan-NM ma jkoprux il-"partijiet ta' użu ġenerali". In-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM tippreċiża li l-oġġetti li jaqgħu, fost oħrajn, taħt l-intestatura 7307 tan-NM jikkostitwixxu "partijiet ta' użu ġenerali".
- 49 Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx jiġi kkunsidrat bħala "tagħmir ta' tubi u pajpijet" li jaqgħu taħt l-intestatura 7307 tan-NM u, għaldaqstant, bħala "partijiet ta' użu ġenerali", fis-sens tan-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM, li jeskludi l-klassifikazzjoni ta' dawn il-partijiet bħala "partijiet" tar-radżaturi li jaqgħu taħt l-intestatura 7322 tan-NM.

- 50 Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward li, sabiex jiġi kklassifikat bħala “partijiet ta' użu ġeneral”, fis-sens tan-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM, il-prodott inkwistjoni għandu, abbażi tal-karatteristiċi tiegħu, tal-proprietajiet oġġettivi tiegħu u tal-użu inerenti intiż ta’ dan il-prodott, ikun intiż sabiex jgħaqqaż żewġ pajpijet jew elementi ta’ pajpijet bejniethom jew anki pajp ma’ apparat ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta’ Diċembru 2013, HARK, C-450/12, EU:C:2013:824, punti 41 u 42).
- 51 Fil-każ ineżami, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 23 tas-sentenza preżenti, il-partijiet tal-azzar iwweldjati inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma kkostitwiti minn żewġ trufijiet jew tlieta, fejn fosthom jistgħu jiġu identifikasi, minn naħħa, spalla waħda jew diversi ddisinjati sabiex jiġu konnessi mal-bordijiet tar-radżjatur permezz ta’ welding tarf ma’ tarf u, min-naħħa l-oħra, tarf ieħor b’għonq tal-kamin li jservi sabiex jiġi konness valv ta’ ventilazzjoni, valv ta’ regolazzjoni jew apparat ieħor, jew sabiex jiġi konness kwalunkwe pajp li jwassal għal sors ta’ tishħin.
- 52 Barra minn hekk, ir-rirkorrenti fil-kawża prinċipali rrikonoxxi, matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dijametru intern tal-ġħonq tal-kamin li għandhom il-partijiet tal-azzar iwweldjati inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkorrispondi għad-dijametru klassiku użat, b'mod ġenerali, għat-tagħmir ta’ tubi u pajpijet.
- 53 Minn dan isegwi li l-partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinvju tal-informazzjoni fattwali kollha quddiemha, jiġu kkunsidrati bħala “partijiet ta’ użu ġeneral”, fis-sens tan-nota 2 tat-Taqsima XV tan-NM u b'mod iktar partikolari, bħala “tagħmir ta’ tubi u pajpijet” li jaqgħu taħt l-intestatura 7307 tan-NM.
- 54 Għal dak li jikkonċerna l-validità tar-Regolament ta’ Implementazzjoni 2015/23, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħħa, regolament ta’ klassifikazzjoni huwa adottat mill-Kummissjoni meta l-klassifikazzjoni ta’ prodott partikolari fin-NM tista’ tqajjem diffikultajiet jew tista’ tkun suġġett ta’ tilwima u, min-naħħa l-oħra, tali regolament għandu portata ġenerali peress li ma japplikax għal operatur partikolari, iż-żda b'mod ġenerali għal prodotti identiċi għal dak li huwa s-suġġett ta’ tali klassifikazzjoni (sentenzi tad-19 ta’ Frar 2009, Kamino International Logistics, C-376/07, EU:C:2009:105, punt 63, kif ukoll tas-26 ta’ April 2017, Stryker EMEA Supply Chain Services, C-51/16, EU:C:2017:298, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 55 Fil-każ ineżami, l-informazzjoni fid-deċiżjoni tar-rinvju ma tippermettix li jiġi ddeterminat b'mod ċar jekk il-partijiet tal-azzar iwweldjati inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex identiċi għall-prodott kopert mir-Regolament ta’ Implementazzjoni 2015/23 u għaldaqstant jekk dan huwiex applikabbi għal tali partijiet.
- 56 Anki jekk jiġi preżunt li l-imsemmi Regolament ta’ Implementazzjoni huwa applikabbi, il-Qorti tal-Ġustizzja digħi ddeċidiet li tali applikazzjoni ma hijiex neċċessarja meta, permezz tar-risposta tagħha għal domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun ipprovdiet lill-qorti tar-rinvju bl-informazzjoni kollha neċċessarja għall-klassifikazzjoni ta’ prodott fl-intestatura xierqa tan-NM (sentenza tas-26 ta’ April 2017, Stryker EMEA Supply Chain Services, C-51/16, EU:C:2017:298, punt 62).
- 57 Minn dan isegwi li, peress li mill-argumenti preċedenti jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet lill-qorti tar-rinvju l-informazzjoni kollha neċċessarja għall-klassifikazzjoni tal-partijiet tal-azzar iwweldjati inkwistjoni fil-kawża prinċipali fl-intestatura xierqa tan-NM, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar il-validità tar-Regolament ta’ Implementazzjoni 2015/23.
- 58 Fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal, ir-risposta għad-domandi magħmulu għandha tkun li n-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jiġu kklassifikati, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinvju tal-informazzjoni fattwali kollha quddiemha, fl-intestatura 7307 tan-NM, bħala “tagħmir ta’ tubi u pajpijet”.

## Fuq l-ispejjeż

- 59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014 tas-16 ta' Ottubru 2014, għandha tiġi interpretata fis-sens li partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jiġu kklassifikati, bla īxsara għall-verifika mill-qorti tar-rinvju tal-informazzjoni fattwali kollha quddiemha, fl-intestatura 7307 tan-Nomenklatura Magħquda, bħala “tagħmir ta’ tubi u pajpijet”.**

Firem